MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **26 ta' Frar 2020** **Ref: DDLTS 7/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Keith Aquilina – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **J2E Tools**

---

Bħala parti mill-inizjattiva 'One Tablet Per Child', l-aġent tat-tablets qed jipprovdi lill-edukaturi u l-istudenti tar-raba', l-ħames u s-sitt sena l-"J2E tools". Meta t-tablet ikun imqabbad mal-internet, dawn l-għodod ikunu jistgħu jintużaw mit-toolbox.

J2E hija għodda edukattiva li tista' tintuża b'mod faċli mill-istudenti. L-istudenti jistgħu joħolqu l-kontenut tagħhom stess filwaqt li jkunu jistgħu ukoll jaqsmuh mal-oħrajn. Waħda minn dawn l-għodod hija l-J2E5 li toffri lill-istudenti l-faċilità li joħolqu riżorsi diġitali interattivi u multimedjali. L-istudenti għandhom il-faċilità li jfittxu stampi onlajn. B'dan il-mod, huma jiżviluppaw attitudnijiet kritiċi u analitiċi biex jagħżlu b'mod addattat stampi xierqa u rilevanti sabiex itejbu l-kontenut diġitali tagħhom.

Barra minn hekk, l-istudenti jistgħu jtejbu x-xogħol diġitali tagħhom billi jinkludu animazzjonijiet u billi jgħaqqdu l-paġni differenti tad-dokument tagħhom. Fl-aħħar nett, l-istudenti jistgħu jippubblikaw ir-riżorsa diġitali tagħhom online fuq J2Webby, u b' hekk huma stess isiru pubblikaturi ta ' kontenut diġitali onlajn.

Permezz ta' din l-għodda l-istudenti jiżviluppaw kompetenzi kreattivi u kollaborattivi u jrawmu l-kompetenzi fiċ-ċittadinanza diġitali meta jippubblikaw ix-xogħol tagħhom onlajn.

Ara l-flyer mehmuż għal aktar dettalji.

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**